MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 106/2004/1

**Sylvia Grech u żewġha Anthony Grech**

***v.***

**Ministeru Responsabbli mit-Trasport u Kommunikazzjoni; *Chairman Gozo Channel Co. Ltd*; *Chairman Maritime Authority*; u b'nota tat-8 t'April 2014 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti flok l-Awtorità Marittima bħala suċċessur ta' dik l-awtorità**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fid-19 ta’ Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li, wara li ħelset lill-Ministeru konvenut u lill-*Gozo Channel Co. Ltd* mill-ħarsien tal-ġudizzju għax ma humiex kontradditturi leġittimi, ċaħdet talba tal-atturi għal-danni kontra l-Awtorità Marittima (illum l-Awtorità għat-Trasport f’Malta) għax l-azzjoni waqgħet b’dekadenza taħt l-art. 29 tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti [Kap. 352].

1. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> “Illi din hija kawża għad-danni intavolata in segwitu għal xogħlijiet li saru fil-port tal-Imġarr, Għawdex, in konnessjoni mal-bini *tat-Terminal* il-ġdid għall-passiġġieri li jkunu ġejjin jew sejrin minn jew lejn Malta permezz tal-vapuri tal-kumpanija *Gozo Channel.* L-attriċi kienet għal diversi snin tiġġestixxi ħanut tas-*souvenirs* fl-inħawi, mikri lilha mid-Dipartiment tal-Artijiet, u minn meta bdew dawn ix-xogħlijiet hija allegatament sofriet diversi danni u telf ta’ qligħ, l-ewwel minħabba t-tħarbit ikkaġunat bl-istess xogħlijiet u mbagħad billi kellha tittrasferixxi n-negozju tagħha għal gabbana proviżorja f’parti oħra tal-port li ma kinitx daqstant tintlahaq mill-passiġġieri.
>
> “Kemm iċ-*Chairman* tal-kumpanija *Gozo Channel*, kif ukoll is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mit-Trasport eċċepew preliminarjament illi huma ma kinux il-leġittimi kontradditturi billi ma kellhom xejn x’jaqsmu ma’ dawn ix-xogħlijiet. Irriżulta inekwivokament mid-depożizzjoni ta’ Joseph Sammut, *project manager* mal-Awtorità Marittima ta’ Malta, illi dawn ix-xogħlijiet kienu qed jiġu intrapriżi mill-Awtorità Marittima ta’ Malta bħala parti mid-doveri tagħha li tipprovdi u tieħu ħsieb is-servizzi u l-faċilitajiet fil-portijiet. L-atturi ma ressqu ebda tip ta’ prova biex juru kif u sa fejn setghu kienu responsabbli l-kumpanija *Gozo Channel* jew il-Ministeru għat-Trasport. Għalhekk jirriżulta illi din l-eċċezzjoni preliminari ta’ dawn iż-żewġ konvenuti hija ġustifikata, timmerita li tiġi milqugħa u konsegwentement hemm lok li l-istess konvenuti jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

"Fir-rigward imbagħad tal-Awtorità Marittima ta' Malta, din eċċepiet preliminarjament id-dekadenza tal-azzjoni preżenti *ai termini* tal-artikolu 65 tal-Kap. 352 li dakinhar li ġiet intavolata l-kawża kien jirregola l-poteri u r-responsablitajiet ta' din l-awtorità. A tenur ta' dan l-artikolu:

> ""Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastimenti kemm-il darba -
>
> ""(a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skond il-każ, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;
>
> ""(b) l-azzjoni ma titteħidtx fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data…".

"L-atturi fin-nota tal-osservazzjonijet tagħhom igħidu illi dan l-artikolu m'għadux jeżisti, imma, wara l-emendi tal-Att XV tal-2009 dan l-artikolu ġie rinumerat bħala l-artikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti.

*"Ai termini* tal-artikolu 8 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta Kap. 499 (qabel l-artikoli 6 u 7 tal-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, Kap. 352) l-Awtorità għandha s-setgħa u l-funzjoni illi:

> ""(e) tipprovdi, iżżomm, tiżviluppa, ittejjeb u tħaddem portijiet f'Malta u l-faċilitajiet li jmorru magħhom, u li tipprovdi, iżżomm u tħaddem fihom u fil-viċinanzi tagħhom servizzi u faċilitajiet adatti u effiċjenti li minn żmien għal żmien jidhrilha meħtieġa jew vantaġġjużi biex jaħdmu tajjeb, bla perikolu u b'mod effiċjenti, dawk il-portijiet jew hekk kif l-Awtorità jidhrilha xort'oħra adatt biex tipprovdi fl-interess pubbliku u li tnaddaf u tiżbarazza kull port u l-viċinanzi tiegħu; u …
>
> "(i) bla ħsara għal dak kollu hawn qabel imsemmi, li tipprovdi jew tiżgura l-provediment ta' dawk is-servizzi u l-faċilitajiet l-oħra li fil-fehma tal-Awtorità jkunu meħtieġa għat-tħaddim tal-portijiet; …"

"Huwa evidenti għalhekk illi x-xogħlijiet ta' bini ta' faċilitajiet ġodda fil-port tal-Imġarr, li minnhom qed jilmentaw l-atturi bħala kawża għad-danni allegatament ikkawżati lilhom, jaqgħu taħt dawn il-funzjonijiet tal-Awtorità Marittima, llum assunti mill-Awtorità għat-Trasport. Għalhekk l-atturi sabiex jipproċedu b'talba għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kkaġunati minn xi ħaġa li għamlet l-Awtorità Marittima in esekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha kellhom isegwu l-proċeduri stabiliti bil-liġi li dik il-ħabta kienet tirregola din l-awtorità. Kif rajna, l-artikolu 65 tal-Kap. 352 kien jipprovdi illi kwalunkwe talba għad-danni kellha ssir permezz ta' ittra mibgħuta lill-istess awtorità u mbagħad l-azzjoni relattiva kellha ssir fi żmien sena minn dik l-ittra. Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-atturi kienu kitbu lill-awtorità dwar l-ilmenti tagħhom fil-bidu tas-sena 2003, imma ma ngħatatx data preċiża. Madankollu anke jekk tittieħed l-iżjed

data favorevoli għall-atturi, u *cioè* dik meta saret l-ewwel ittra uffiċjali, skond ma ġie dikjarat fiċ-ċitazzjoni, f'Awwisu 2003, l-azzjoni relattiva kellha ssir sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Awissu 2004, mentri l-kawża odjerna ġiet intavolata biss fit-30 ta' Settembru 2004, u għalhekk iżjed minn sena wara. Billi l-perijodu stipulat minn din il-liġi huwa wieħed ta' dekadenza, l-ittra uffiċjali l-oħra ta' Awissu 2004, imsemmija wkoll fiċ-ċitazzjoni, ma seta' kellha ebda effett biex tinterrompi dan il-perijodu. Billi wkoll dan l-artikolu tal-liġi kien jagħmilha ċara illi l-provvedimenti ta' dan l-artikolu kellhom japplikaw "minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra", u kif sewwa qalet l-Awtorità għat-Trasport fin-nota ta' sottomissjonijet tagħha, *lex specialis derogat generali* il-preskrizzjonijiet partikolari dwar kawżi għad-danni, indikati fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi, ma japplikawx għall-każ in eżami."

2. Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel qorti hekk qatgħet il-kawża:

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet taċ-*Chairman Gozo Channel Company Limited* u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetitività u Komunikazzjoni li huma ma humiex il-leġittimi kontradittur u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' wkoll l-eċċezzjoni tal-Awtorità Marittima ta' Malta dwar id-dekadenza tal-azzjoni *ai termini* tal-artiklu 65 tal-Kap. 352, illum l-artikolu 29 tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

"Bl-ispejjeż kontra l-atturi."

3. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-8 ta' Ottubru 2010. L-aggravji tagħhom huma dawn:

4. l-azzjoni tagħhom hija dik akwiljana li tintlaqat bil-preskrizzjoni ta' sentejn taħt il-Kodiċi Ċivili u mhux bl-art. 65 (illum art. 29) tal-Kap. 352;

5. l-ewwel qorti straħet fuq l-art. 8 tal-Kap. 499 meta dak l-artikolu ma tressaqx b'eċċezzjoni mill-awtorità konvenuta;

6. fost is-setgħat li wirtet l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mingħand l-Awtorità Marittima ma hemmx ukoll id-"disposizzjonijiet tal-Att li jirregola l-funzjonijiet ta' dik l-Awtorità" (*sic*); u

7. fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienx applikabbli l-prinċipju li fuqu straħet l-ewwel qorti illi *lex specialis derogat generali*.

8. l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (li assumiet l-atti flok l-Awtorità Marittima) wieġbet fit-18 ta' Novembru 2010; il-ministru konvenut wieġeb fit-30 ta' Novembru 2010; u *Gozo Channel Co. Ltd* wieġbet fit-3 ta' April 2014.

9. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi jgħidu illi d-dekadenza taħt l-art. 65 (illum art. 29) tal-Kap. 352 ma tolqotx l-azzjoni, li hija waħda akwiljana u għalhekk tintlaqat bil-preskrizzjoni tal-azzjoni akwiljana taħt il-Kodiċi Ċivili. Igħidu illi l-art. 29 li fuqu straħet l-ewwel qorti ma jolqotx:

> "... … … responsabbilità għad-danni bħala konsegwenza tat-tip ta' operazzjoni li kienet qiegħda tagħmel l-Awtorità Marittima fil-każ in eżami iżda għal telf jew ħsara 'li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeg oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba ma ssirx talba bil-miktub mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-awtorità jew kuntrattur'. Importanti f'dan l-artikolu hija l-kelma 'aċċettati' u *cioè* li hawn *non si tratta* minn telf ta' qligħ bħal ma hu l-każ tal-atturi minn negozju tagħhom iżda ħsara li hija riżultat ta' operazzjoni marittima. Hawnhekk *non si tratta* minn danni li jirriżultaw minn sitwazzjonijiet kontemplati mil-liġi ġenerali dwar id-danni, iżda minn danni speċifiċi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet marittimi li jaqgħu taħt il-liġi marittima, Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta."

10. L-awtorità konvenuta wieġbet illi l-art. 65 (illum 29) tal-Kap. 352 huwa wiesa' biżżejjed biex jolqot ukoll id-danni li jgħidu li ġarrbu l-atturi. Jolqot "telf jew ħsara" b'konsegwenza tat-twettiq mill-awtorità jew minn kuntrattur tagħha tar-"responsabilitajiet tagħhom taħt ... l-Att".

11. Din il-qorti ma tarax li tista’ taqbel mal-interpretazjoni tal-art. 29 li qiegħda tagħti l-awtorità konvenuta, u lanqas mal-applikazzjoni ta’ dak l-artikolu li għamlet l-ewwel qorti.

12. Qabel xejn għandu jingħad illi din il-kawża saret għad-danni wara li xogħlijiet li saru mill-Awtorità Marittima, predeċessur tal-awtorità konvenuta, għall-bini ta’ terminal ġdid fl-Imġarr fejn jorbtu l-bastimenti ta’ Għawdex, ħolqu inkonvenjent kbir għall-atturi fin-negozju tagħhom li wassal għal telf ta’ qligħ.

13. Issa huwa minnu illi l-bini tat-terminal ġdid u x-xogħlijiet relativi kienu parti mir-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-Att, u l-art. 29 jolqot kull azzjoni tal-utenti tat-terminal kontra l-awtorità msejsa fuq dawk ix-xogħlijiet. L-art. 29 iżda ma jistax jolqot ir-relazzjoni tal-awtorità ma’ terzi li, bħall-atturi, ma humiex utenti tas-servizzi tal-awtorità jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha. Ir-relazzjoni bejn l-atturi u l-awtorità ma hijiex konsegwenza tar-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-att.

14. Il-kliem stess tal-artikolu 29 juri illi ma huwiex maħsub illi japplika f’ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tallum. Il-parti konvenjentement maqbuża mill-awtorità meta iċċitat l-artikolu tgħid illi ma tistax tittieħed azzjoni kontra l-awtorità jekk:

> “talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skond il-każ, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur.”

15. Dan il-kliem – partikolarment dwar li l-oġġetti li ġarrbu ħsara jridu jkunu ġew "aċċettati mill-awtorità" – juri illi biex japplika dan l-artikolu jrid ikun hemm relazzjoni, derivanti mill-funzjonijiet, mir-responsabilitajiet jew mis-setgħat tal-awtorità, bejn l-istess awtorità u l-persuna li ġġarrab il-ħsara. Fil-każ tallum ma kienx hemm dik ir-relazzjoni bejn il-partijiet u ebda oġġetti li l-awtorità kellha, minħabba dik ir-relazzjoni, "taċċetta" mingħand l-atturi.

16. Huwa ovvju għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, illi l-art. 29 ma huwiex applikabbli għall-każ tallum u l-ewwel aggravju tal-atturi għandu jintlaqa'. Għalhekk ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis l-aggravji l-oħra tal-atturi.

17. Fit-tweġiba tal-appell tagħha l-awtorità konvenuta tissuġġerixxi illi jekk din il-qorti tilqa' l-appell hija "għandha l-poter u diskrezzjoni li tgħaddi biex tiddeċiedi l-mertu". Meta tqis illi din il-kawża nbdiet fl-2004 – aktar minn għaxar snin ilu – u wkoll fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 233 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili din il-qorti taqbel illi jkun fl-interess tal-partijiet illi jkun determinat ukoll finalment il-meritu f'din is-sentenza.

18. Fir-raba' eċċezzjoni tagħha l-awtorità konvenuta kienet talbet illi l-atturi jagħmlu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond mnejn kienu jmexxu n-negozju tagħhom. Fir-rikors tal-appell kompliet tfisser din l-eċċezzjoni hekk:

> "Illi l-ewwelnett għandu jingħad illi għalkernm bl-ebda mod ma huwa kontestat illi l-appellanti kellhom kirja mad-Dipartiment tal-Artijiet, daqstant ieħor huwa paċifiku illi din il-kirja kienet soġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet. Fosthom, il-gvern kellu dritt illi meta jrid ma jġeddidx il-ftehim ta' kiri li l-atturi kellhom mad-dipartiment. Jirriżulta illi l-appellanti ġew avżati illi l-ftehim ma kienx ser jiġġedded wara l-aħħar tar-2003 u ġew ordnati illi jirritornaw iċ-ċavetta sa dik id-data. Għalhekk, fl-agħar ipoteżi, id-dritt tal-appellanti illi jitolbu danni jestendi biss sal-31

ta’ Diċembru 2003. L-appellanti ma jistgħux jippretendu danni għal perijodu meta ma kellhomx titolu fuq il-ħanut. Fir-każ illi, *dato ma non concesso*, din l-onorabbli qorti tħoss illi għandha tillikwida xi danni għalhekk, il-perijodu miil-2004 ’il quddiem m’għandux jittieħed in konsiderazzjoni.

“Illi l-appellanti jidher illi qed jippretendu kumpens anke għall-perijodu meta kienu qed joperaw minn gabbana irregolari fl-inħawi tar-port. Safejn it-talba tagħhom tirreferi għal dan il-perijodu, l-appellanti bir-rispett ma jistgħux jippretendu kumpens għaliex *ex turpitudine non oritur actio*.

“Illi fix-xiehda tagħha Sylvia Grech tagħti x’tifhem ukoil illi hija qed tippretendi kumpens tal-fatt illi wara li ġiet itterminata l-kirja u twaqqa’ l-ħanut hija ma ġietx rilokata f’ħanut fl-“istess pożizzjoni li kellha qabel, jew f’ħanut bl-istess qies”. Filwaqt illi t-talba preċedenti hija manifestament irraġjonevoli [għaliex kif tista’ l-attriċi tippretendi illi d-disinn ta’ terminal ġdid tal-passiggieri jkun marbut u ikkundizzjonat mill-pożizzjoni preċedenti tar-klosks?], it-tieni lanjanza bir-rispett ma tikkonċernax lill-awtorità imma *se mai* lid-Dipartiment tal-Artijiet.”

19. Fil-fehma tal-qorti din l-eċċezzjoni hija ġustifikata u jixraq illi tintlaqa’. Il-proġett tal-port tal-Imġarr kien proġett ta’ xogħlijiet pubbliċi u, bi tħejjija għalih, id-Dipartiment tal-Artijiet ħa ħsieb illi jtemm kull titolu li kellhom terzi biex jiżgombrahom mill-art maħsuba għall-proġett. Il-fatt illi, minkejja li ntemm it-titolu tagħhom, l-atturi baqgħu bi ksur tal-liġi jokkupaw il-fond ifisser illi l-interess tagħhom f’din l-azzjoni, għallinqas dwar iż-żmien wara li ntemm it-titolu, ma kienx wieħed leġittimu u, kif sewwa tgħid l-awtorità konvenuta, *ex iniuria non oritur ius*.

20. Għalhekk, dejjem jekk l-atturi għandhom jedd għal danni, dawn f’kull każ għandhom ikunu relativi għaż-żmien bejn li nbdew ix-xogħlijiet u li ntemm it-titolu li kellhom l-atturi. Ix-xogħlijiet inbdew għall-ħabta ta’ Ġunju tal-2003[1] u

[1]Ara l-*affidavit* tal-attriċi Sylvia Grech maħluf fit-23 ta’ Novembru 2004, *fol.* 25 tal-proċess tal-ewwel qorti: “Xi sentejn u ħames xhur ilu ngħata bidu għall-proġett tat-*terminal* tal-Imġarr.

l-kiri ntemm fil-31 ta’ Diċembru 2003[2]. Iż-żmien relevanti għalhekk huwa bejn Lulju u Diċembru tal-2003.

21. Dwar it-talba għad-danni l-awtorità konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi hija “qed teżerċita kemm id-drittijiet u kemm l-obbligi tagħha skond l-artikoli 6 u 7 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta’ Malta u għalhekk ma jistax jingħad li għemilha huwa abbużiv li jrendiha responsabbli għal xi danni u/jew li jeżisti n-ness ġuridiku bejn għemilha u r-responsabilità għad-danni”. Fin-nota ta’ osservazjonijiet tagħha quddiem l-ewwel qorti mbagħad kompliet tgħid illi “sabiex awtorità pubblika titqies responsabbli għall-ħlas ta’ xi danni mhux biżżejjed illi jintwera li aġir tagħha ikkawża xi inkonvenjent lil xi ħadd imma jrid jiġi ippruvat li aġixxiet b’negliġenza u ‘bla qies’”[3].

22. Għalkemm huwa minnu illi l-awtorità konvenuta kienet qiegħda tinqeda bis-setgħat tagħha taħt il-liġi u huwa minnu wkoll illi l-interess pubbliku illi jitwettaq il-proġett tal-port tal-Imġarr jegħleb l-interess privat tal-atturi illi jgawdu l-ħanut tagħhom, madankollu dan ma jfissirx illi l-awtorità konvenuta ma kellhiex ukoll l-obbligu illi tħares l-interess leġittimu tal-atturi. Fil-każ tallum ma jistax jingħad illi l-awtorità konvenuta mxiet għalkollox bil-għaqal għax, ladarba l-kiri tal-ħanut favur l-atturi kellu jibqa’ jseħħ sal-31 ta’ Diċembru 2003, ma kienx imissha bdiet ix-xogħlijiet qabel dik id-data, aktar u aktar meta tqis illi kien fis-setgħa ta’ awtorità pubblika oħra – id-Dipartiment tal-Artijiet – illi, kieku

[2] Ara l-avviż ta’ *congedo* tad-9 ta’ Diċembru 2003, *fol.* 124 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[3] *Fol*. 227 tal-proċess tal-ewwel qorti.

riedet, ittemm il-kiri sitt xhur qabel[4]. Dan ma jfissirx illi l-awtorità konvenuta ma kellhiex is-setgħa li tibda x-xogħlijiet meta bdiethom, iżda talli għamlet hekk għandha tagħmel tajjeb għad-danni li seħħew b'konsegwenza ta' hekk[5]. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

23. Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni. Prospett preżentat mill-atturi fil-25 ta' Jannar 2005[6] juri illi d-danni minnhom pretiżi sa Diċembru tal-2004 (li għalhekk jinkludi l-perijodu relevanti għall-kawża tallum) huma dawn:

> "Expenses incurred in setting up sign on instructions from Malta Maritime Authority, paid to MEPAand Architect Teddy Busuttil - Lm114.75
>
> "Expenses paid for procuring an aluminium door and partition to lessen damages to stock by dust, fumes and other materials –
> Lm315.00
>
> "Estimated loss of profits (Sept 2002 to Dec 2004) –
> Lm6,000.00
>
> "Estimated damages to stock during period Sept 2002 to December 2004, inclusive of woollen clothes and jackets, soft toys, collectors' items, *etc.* most of which are a total loss, on valuation of stock at Lm3480 (as on 31st December, 2002) –
> Lm2,500.00"

24. Naraw issa dawn il-partiti waħda waħda. L-ewwel partita hija biex tqiegħdet tabella biex turi fejn qiegħed il-ħanut. Din it-tabella saret bi ftehim mal-awtorità konvenuta li wkoll aċċettat "[*to*] *make good for the expenses*

---

[4]Il-kera tal-ħanut kien jitħallas kull sitt xhur, u għalhekk il-kiri kien jiġġedded minn sitt xhur għal sitt xhur – art. 1536(1), *proviso*, Kod. Ċiv.

[5]Ara Charles Grima *nomine v.* John Caruana (ċitaz. 410/1995), Q. App. 6 ta' Ottubru 1999 u s-sentenzi hemm ċitati.

[6]*Fol*. 69 tal-proċess tal-ewwel qorti.

*incurred*"[7]. Għalkemm ma jidhirx illi fil-proċess hemm kopja tar-riċevuta relativa, in-nefqa ta' mija u erbatax-il lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm114.75) – daqs mitejn u sebgħa u sittin euro u tletin ċenteżmu (€267.30) – tidher raġonevoli u l-qorti taċċettaha.

25. It-tieni partita hija biex saru bieb u *partition* tal-aluminju biex ma ssirx ħsara bi trabijiet u dħaħen. Dawn swew tliet mija u ħmistax-il lira ta' Malta (Lm315). Din in-nefqa kienet tkun ġustifikata jekk tassew saret fiż-żmien relevanti għax saret biex tnaqqas il-ħsara. Madankollu, billi fil-proċess ma hemmx ir-riċevuta relativa ma tistax tgħid jekk saritx waqt iż-żmien relevanti jew wara u, billi huwa fuq l-atturi l-oneru tal-prova, il-qorti ma tistax taċċetta din in-nefqa.

26. It-tielet partita hija għal telf ta' qligħ. L-atturi qegħdin jippretendu sitt elef lira ta' Malta (Lm6,000) għaż-żmien bejn Settembru tal-2002 sa Diċembru tal-2004 meta, kif rajna, iż-żmien relevanti huwa bejn Lulju u Diċembru tal-2003.

27. Kif jidher mix-xiehda ta' Victor Vella Muscat, li kien iżomm il-kotba tal-atturi, il-qligħ li dawn għamlu mill-ħanut fl-2003 u fit-tliet snin ta' qabel, u t-*turnover* li fuqu sar dak il-qligħ, kien dan:

[7]Ara l-ittra tal-21 ta' April 2003 mill-awtorità konvenuta lill-atturi, *fol.* 15 tal-proċess tal-ewwel qorti.

| sena | *turnover* (Lm) | qligħ (Lm) |
|---|---|---|
| 2000 | 6441.00 | 1,862.00 |
| 2001 | 7301.00 | 1,901.00 |
| 2002 | 11,706.00 | 2,080.00 |
| 2003 | 7,187.00 | (1,081.00) |

28. It-*turnover* – li juri l-volum ta' negozju – tal-2003 huwa aktar minn tas-sena 2000 u ma huwiex wisq anqas minn tas-sena 2001, iżda waqt li fl-2000 u fl-2001 sar qligħ, fl-2003 sar telf. Dan huwa dovut għall-fatt illi fl-2003 merkanzija li kienet tiswa elfejn u mitejn lira ta' (Lm2,200) kienet *written off* minħabba ħsara b'konsegwenza tax-xogħlijiet li għamlet l-awtorità konvenuta. Li ma kienx hekk, flok telf ta' elf u wieħed u tmenin lira (Lm1,081) kien ikun hemm qligħ ta' elf, mija u dsatax-il lira (Lm1,119), xorta anqas minn tas-snin ta' qabel u sostanzjalment anqas mill-qligħ tas-sena 2002, meta t-*turnover* ukoll kien sosanzjalment aktar.

29. Miċ-ċifri relativi għal *turnover* jidher li tassew kien hemm tnaqqis fil-volum ta' negozju matul l-2003 meta mqabbel mas-sentejn ta' qabel u partikolarment mal-2002, għalkemm għandu jingħad ukoll illi fix-xhur ta' Novembru u Diċembru kien hemm żjieda relativament kbira fuq l-istess xhur tal-2002[8].

30. Jekk timxi fuq it-tendenza tas-snin ta' qabel, fl-2003 kellu jkun hemm qligħ ta' madwar elfejn u mitt lira (Lm2,100); fil-fatt kien hemm telf ta' elf u wieħed u tmenin lira (Lm1,081) – differenza ta' tlitt elef, mija u wieħed u tmenin lira (Lm3,181), jew madwar sebat elef u erba' mitt euro (€7,400). Fid-

[8]Ara *foll.* 62 (relativ għall-2002) u 68 (relativ għall-2003).

dawl ta’ dan kollu l-qorti tara li jkun xieraq illi d-danni minħabba telf ta’ qligħ jiġu likwidati fis-somma ta’ sebat elef u erba’ mitt euro (€7,400).

31. L-aħħar partita hija għall-ħsara lill-merkanzija. Billi iżda din kienet fattur li wassal għat-telf fis-sena 2003, ġà ġiet meqjusa fil-kalkoli dwar telf ta’ qligħ u ma għandhiex tiġi meqjusa darbtejn.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tillikwida d-danni fis-somma ta’ mitejn u sebgħa u sittin euro u tletin ċenteżmu (€267.30) u sebat elef u erba’ mitt euro (€7,400): b’kollox sebat elef, sitt mija u sebgħa u sittin euro u tletin ċenteżmu (€7,667.30).

33. Il-qorti għalhekk tilqa’ l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta’ dekadenza taħt l-art. 65 (illum 29) tal-Att dwar Portijiet u Bastimenti [Kap. 352] u tiddisponi mit-talbiet u mill-eċċezzjonijiet billi tilqa’ t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-awtorità konvenuta tħallas lill-atturi b’titolu ta’ danni s-somma ta’ sebat elef, sitt mija u sebgħa u sittin euro u tletin ċenteżmu (€7,667.30).

34. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell – ħlief għal dawk tal-konvenuti li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, li għandhom iħallsuhom l-atturi – għandha tħallashom l-awtorità konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------